MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 7.7.2010
KUMM(2010)365 finali

# GREEN PAPER

**lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri**

SEG(2010)830

MT MT

**GREEN PAPER**

***lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri***

# 1. DAĦLA

Dħul adegwat u sostenibbli meta ċittadin tal-UE jirtira issa u fil-futur huwa prijorità għall-Unjoni Ewropea. Il-kisba ta' dawn l-għanijiet f'Ewropa b'popolazzjoni li qed tixjieħ hija sfida kbira. Ħafna mill-Istati Membri ppruvaw jitħejjew għal dan permezz ta' riformi fil-pensjoni.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti aggravat u amplifikat l-impatt tat-tendenza estrema tat-tixjiħ demografiku. Tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku, fil-baġits pubbliċi, fl-istabbiltà finanzjarja u l-impjieg għamlu iktar urġenti l-aġġustament tal-prattiki tal-irtirar u tal-mod kif in-nies jakkumulaw l-intitolamenti għall-pensjoni.. Il-kriżi wriet li hemm iktar xi jsir biex l-effiċjenza u s-sigurtà tal-iskemi tal-pensjoni jiġu mtejba[1] li mhux biss jipprovdu mezz għal ħajja deċenti fix-xjuħija iżda jirrappreżentaw ukoll il-premju għall-ħajja ta' xogħol

Fil-linji gwida politiċi tiegħu għal din il-Kummissjoni, il-President José Manuel Barroso enfasizza l-importanza ta' pensjonijiet adegwati u sostenibbli għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali:

*"Miljuni ta' Ewropej huma kompletament dipendenti fuq il-pensjoni. Il-kriżi wriet l-importanza tal-approċċ Ewropew lejn is-sistemi tal-pensjoni. Hija wriet l-interdipendenza tad-diversi pilastri tal-pensjoni f'kull Stat Membru u l-importanza ta' approċċi komuni tal-UE fir-rigward tas-solvenza u l-adegwatezza soċjali. Il-kriżi enfasizzat ukoll li l-fondi tal-pensjoni huma parti importanti mis-sistema finanzjarja. Jeħtieġ li niżguraw li l-pensjonijiet jaqdu r-rwol maħsub ta' għoti ta' appoġġ massimu lill-pensjonanti tal-lum u ta' għada, inklużi l-gruppi vulnerabbli."*

L-Istati Membri huma responsabbli għall-provvediment tal-pensjoni: din il-Green Paper ma tiddubitax mill-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-pensjonijiet jew mir-rwol tal-imsieħba soċjali u ma tissuġġerixxix mod wieħed 'ideali' għat-tfassil ta' sistema tal-pensjoni li taqdi l-ħtiġijiet ta' kulħadd. Il-prinċipji tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u s-solidarjetà nazzjonali huma kruċjali f'dan ir-rigward. F'livell tal-UE, is-sistemi nazzjonali ta' rtirar huma msaħħa minn qafas ta' attivitajiet li jvarjaw mill-koordinazzjoni tal-politika sar-regolamentazzjoni. Jeħtieġ li xi temi komuni jiġu indirizzati b'mod koordinat bħal pereżempju l-funzjonament tas-suq intern, ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, jew l-iżgurar li r-riformi tal-pensjoni jkunu konsistenti mal-istrateġija Ewropa 2020. Sistemi tal-pensjoni sodi u adegwati, li jippermettu liċ-ċittadini jżommu, b'mod raġonevoli, il-livell ta' għajxien tagħhom wara li jirtiraw, huma kruċjali għaċ-ċittadini u għall-koeżjoni soċjali. L-impatt tan-nefqa fir-rigward tal-pensjonijiet pubbliċi fuq il-finanzi fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet serji f'oħrajn. Il-koordinazzjoni tal-politiki tal-pensjoni tal-UE kienet utli u neċessarja biex isir progress fil-livell tal-Istati Membri. Il-fondi tal-pensjoni huma parti integrali mis-swieq finanzjarji u l-mod kif jiġu stabbiliti jista' jippromwovi jew ixekkel il-moviment ħieles tax-xogħol jew il-kapital.

[1] Il-Parlament Ewropew huwa wkoll involut f'diskussjoni politika dwar il-lezzjonijiet meħuda mill-kriżi taħt l-awspiċi tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriżi Finanzjarja, Ekonomiku u Soċjali.

Wara deċennju ta' riformi li biddlu s-sistemi tal-pensjoni f'ħafna mill-Istati Membri, issa hemm bżonn ta' reviżjoni bir-reqqa tal-qafas tal-UE. It-tixjiħ demografiku mexa b'pass iktar mgħaġġel milli kien mistenni qabel u l-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti kellha impatt drammatiku fuq il-baġits, is-swieq tal-kapital u l-kumpaniji. Kien hemm ukoll tibdiliet strutturali sostanzjali bħal pereżempju bilanċi ġodda bejn il-ġenerazzjonijiet, bidla minn Pay-As-You-Go (PAYG) għal pensjonijiet iffinanzjati u bidla għal iktar riskji għall-individwi. Din il-Green Paper qed tniedi dibattitu Ewropew permezz ta' konsultazzjoni bikrija u estensiva dwar l-isfidi prinċipali li qed jiffaċċjaw is-sistemi tal-pensjoni u dwar kif l-UE tista' tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jipprovdu pensjonijiet adegwati u sostenibbli.

Din il-Green Paper tieħu approċċ integrat lejn il-politiki tas-suq ekonomiku, soċjali u finanzjarju u tirrikonoxxi r-rabtiet u s-sinerġiji bejn il-pensjonijiet u l-istrateġija ġenerali Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Hija tieħu inkonsiderazzjoni l-ħidma li saret mill-Kumitat għall-Politika Ekonomika u l-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali dwar il-pensjonijiet. Ir-Rapport Konġunt *Interim* kien innutat mill-Kunsill (ECOFIN u EPSCO) tas-7-8 ta' Ġunju 2010[2].L-għan ta' ġenerazzjoni ta' dħul adegwat u sostenibbli meta wieħed jirtira permezz ta' riformi tal-pensjoni u l-għanijiet ta' Ewropa 2020 isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Ewropa 2020 tenfasizza impjiegi ta' kwalità ogħla u aħjar u transizzjonijiet pożittivi: it-tnejn huma deċiżivi biex il-ħaddiema (nisa u rġiel) jakkumulaw id-drittijiet għall-pensjoni. Il-mira tagħha ta' rata ta' 75 % għall-impjiegi tirrikjedi rati ta' impjieg li huma sinifikattivament ogħla mil-livelli attwali fil-grupp tal-etajiet bejn il-55 u l-65 sena. Li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-adegwatezza tal-pensjonijiet, li jistgħu jkunu kawża ta' faqar fost l-anzjani, jikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-mira ta' Ewropa 2020 ta' tnaqqis tal-faqar. Politiki f'ħafna oqsma jistgħu jgħinu biex inaqqsu l-faqar f'etajiet ikbar u dan imbagħad jikkontribwixxi għat-titjib tal-adegwatezza u b'hekk ir-riformi tal-pensjoni jkunu ffinalizzati. Miri oħra jinkludu t-tiftix ta' soluzzjoni għall-ostakoli fl-iffinalizzar tas-suq uniku, pereżempju suq intern iktar sigur u integrat fir-rigward tal-prodotti finanzjarji u l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-ħaddiema kollha[3] u taċ-ċittadini madwar l-UE[4]. *Konsegwentement, ir-riformi tal-pensjoni se jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 għall-impjieg u sostenibbiltà għal tul ta' żmien tal-finanzi pubbliċi.* Barra minn hekk, l-iffinalizzar tas-suq intern għall-prodotti tal-pensjoni għandu impatt dirett fuq il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE u għalhekk jikkontribwixxi direttament għall-kisba tal-għanijiet ta' Ewropa 2020.

## 2. SFIDI EWLENIN

### 2.1. Tixjiħ demografiku

Filwaqt li hu magħruf sew li l-Ewropa qed taffaċċja sfida demografika kbira[5], qed noqorbu lejn stadju kritiku, fejn l-ewwel grupp ta' nies li twieldu fi żmien meta kien hemm splużjoni

---

[2] Ir-rapport huwa disponibbli fuq http://europa.eu/epc/publications/index_en.htm, ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/114988.pdf.

[3] Inklużi ħaddiema tassew mobbli bħar-riċerkaturi, ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 2010: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/intm/113121.pdf.

[4] Il-Kummissjoni se toħroġ Rapport dwar iċ-Ċittadinanza fl-2010 dwar iċ-ċiklu kollu tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE, li jkopri i) ostakoli fl-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet taċ-ċittadini, inklużi d-drittijiet għall-moviment liberu, u ii) is-soluzzjonijiet previsti biex jitneħħew dawn l-ostakoli, flimkien ma' pjan direzzjonali għall-adozzjoni tagħhom.

[5] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tixjiħ tad-29 ta' April 2009 "Kif għandna nittrattaw l-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-UE (Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2009)" u d-dokument ta' ħidma għall-persunal tal-Kummissjoni *Report 2008 – Meeting social needs in an ageing society* (SEC(2008) 2911).

fir-rata tat-twelid dalwaqt jilħaq l-età tal-pensjoni u huwa previst li l-popolazzjoni bl-età tax-xogħol se tibda tonqos mill-2012 'il quddiem.

Il-fatt li n-nies qed jgħixu ħajja itwal minn qatt qabel hija kisba kbira ħafna: tul dawn l-aħħar 50 sena, it-tul tal-ħajja żdied b'madwar ħames snin fl-UE. It-tbassir demografiku l-iktar reċenti[6] jiżvela li jista' jkun hemm żieda oħra ta' madwar seba' snin sal-2060. Dan il-fatt flimkien ma' rati baxxi ta' fertilità se jwassal għal bidla drammatika fil-kompożizzjoni tal-etajiet tal-popolazzjoni (ara l-Figura 1). Għaldaqstant, il-proporzjon ta' dipendenza fix-xjuħija se jirdoppja: filwaqt li attwalment hemm erba' persuni bl-età tax-xogħol għal kull persuna li għandha 'l fuq minn 65 sena, sal-2060 se jkun hemm biss żewġ persuni bl-età tax-xogħol għal kull persuna li għandha 'l fuq minn 65 sena (ara l-Figura 2).

Hemm ukoll tendenzi oħrajn li jinfirxu fuq tul ta' żmien fis-swieq tax-xogħol: bidu iktar tard tal-ħajja tax-xogħol fuq bażi full-time minħabba bżonn ikbar ta' edukazzjoni u rtirar iktar kmieni minħabba l-amministrazzjoni tal-etajiet tas-suq tax-xogħol u politiki dominanti. Minkejja li t-tendenza ta' rtirar minn kmieni bdiet tinbidel, ħafna persuni, b'mod partikolari nisa, għadhom jitilqu mis-suq tax-xogħol sinifikattivament qabel l-età tipika tal-pensjoni ta' 65 sena (ara l-Figuri 6 u 7) u dan jenfasizza l-aspett tas-sess.

Fir-rigward ta' tendenzi attwali, is-sitwazzjoni hi insostenibbli. Sakemm in-nies, huma u jgħixu ħajja itwal, jibqgħu wkoll fl-impjieg, jew probabbilment issofri l-adegwatezza tal-pensjonijiet jew isseħħ żieda insostenibbli fl-infiq tal-pensjonijiet. L-impatt tal-isfida demografika hekk kif ġie aggravat mill-kriżi probabbli se jnaqqas it-tkabbir ekonomiku u se jitfa' pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi. Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2009[7] wera li, minħabba li l-forza tax-xogħol qed tonqos, l-uniku sors ta' tkabbir sal-2020 se tkun il-produttività fix-xogħol. Filwaqt li r-riformi diġà naqsu b'mod sinifikanti l-impatt tat-tixjiħ fuq il-pensjonijiet futuri, in-nefqa pubblika relatata mal-età għadha prevista li se tiżdied b'mod ġenerali bi kważi ħames punti perċentwali tal-PGD sal-2060, fejn in-nefqa fuq il-pensjonijiet hija responsabbli għal nofs din iż-żieda (ara l-Figura 3 għat-tbassir dwar in-nefqa fuq il-pensjonijiet pubbliċi għall-Istati Membri).

Tendenza oħra fuq tul ta' żmien hija l-bidla fis-soċjetà – bħal pereżempju familji b'ġenitur wieħed, koppji bla tfal u ġenerazzjonijiet differenti ta' familja li jgħixu bogħod minn xulxin – li qed tagħti lok għall-provvediment ta' servizzi ta' kura iktar formali li s-soltu kienu jkunu provduti mill-familja. Dan jippreżenta iktar sfidi għall-iffinanzjar tal-ispiża tal-kura tas-saħħa u l-kura għal perjodu twil.

Il-pensjonijiet iffinanzjati jistgħu jkunu affettwati wkoll mit-tixjiħ demografiku. It-tixjiħ fost is-soċjetajiet inaqqas ir-rata ta' tkabbir potenzjali tal-ekonomija, bl-implikazzjoni ta' rati proprji ta' dħul iktar baxxi u dan jista' jaffettwa l-prezzijiet tal-assi finanzjarji. Dħul potenzjalment iktar baxx bħal dan fuq investimenti f'fondi tal-pensjoni jista' jwassal għal kontribuzzjonijiet ogħla, inqas benefiċċji ta' rtirar, iktar ħruġ ta' kapital għal swieq emerġenti jew teħid ikbar ta' riskji.

Bit-tixjiħ demografiku fl-isfond, il-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma tal-2001 qabel fuq strateġija bi tliet pilastri biex jiġi trattat l-impatt fuq il-baġits pubbliċi li tikkonsisti minn:

---

6 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat għall-Politika Ekonomika (2009) "2009 Ageing Report: Economic and budgetary projections for the EU-27 Member States (2008-2060)", European Economy, Nru 2.

7 Ibid.

– tnaqqis rapidu tad-djun;

– żieda fir-rati tal-impjiegi u tal-produttività; kif ukoll

– riformi tas-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u ta' kura għal tul ta' żmien.

Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew ta' Laeken tal-2001 qabel dwar sett ta' għanijiet komuni għall-pensjonijiet, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa li dawn ikunu adegwati, sostenibbli u li jistgħu jiġu adottati[8].

## 2.2. Tibdiliet fis-sistemi tal-pensjonijiet

Filwaqt li s-sistemi tal-Istati Membri huma viżibbilment differenti, ġiet addattata maġġoranza tul id-deċennji li għaddew biex ikunu fuq livell iktar sostenibbli. Fl-istess waqt, l-Istati Membri ppruvaw jipproteġu l-adegwatezza u jsibu rispons aħjar għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u fir-rwoli tas-sessi. It-tendenzi prinċipali kienu[9]:

(1) Inkoraġġiment biex iktar nies jaħdmu għal żmien itwal biex jiksbu intitolamenti simili għal ta' qabel: żidiet fl-età tal-pensjoni; premjar għal irtirar iktar tard u sanzjonijiet għal irtirar minn kmieni (ara l-Figura 8); ċaqliq minn benefiċċji bbażati fuq il-qligħ fl-aħjar żminijiet lejn intitolamenti bbażati fuq il-qligħ medju tal-karriera tax-xogħol; għeluq jew restrizzjonijiet fil-mogħdijiet ta' ħruġ minn kmieni; miżuri tas-suq tax-xogħol biex ħaddiema iktar anzjani jiġu inkoraġġiti u jkunu jistgħu jibqgħu fis-suq tax-xogħol u l-inkoraġġiment ta' ugwaljanza ikbar bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol.

(2) Iċ-ċaqliqa minn sistemi prinċiplament b'livell wieħed għal sistemi b'ħafna livelli. Dan huwa riżultat tat-tendenza fil-maġġoranza tal-Istati Membri, iżda mhux f'kollha, li jbaxxu s-sehem tal-pensjonijiet pubbliċi PAYG fil-provvediment totali filwaqt li jagħtu rwol ikbar lil skemi privati supplimentari u ffinanzjati minn qabel, li ħafna drabi jkollhom natura ta' Kontribuzzjoni Definita (KD) (ara l-Figura 10).

(3) Miżuri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-adegwatezza, pereżempju sforzi biex titwessgħa l-kopertura, appoġġ fil-bini fl-akkumulazzjoni tad-drittijiet, aċċess iffaċilitat għall-pensjonijiet għal gruppi vulnerabbli u żieda fl-appoġġ finanzjarju għal pensjonanti ifqar.

(4) Dimensjoni bejn is-sessi: in-nisa għandhom it-tendenza li jippredominaw fost dawk b'kuntratti atipiċi, għandhom it-tendenza li jaqilgħu inqas mill-irġiel u li jieħdu waqfiet fil-karriera aktar spiss mill-irġiel minħabba responsabbiltajiet ta' kura. Bħala konsegwenza, il-pensjonijiet tagħhom għandhom it-tendenza li jkunu aktar baxxi u hemm tendenza ta' riskju ta' iktar faqar fost in-nisa anzjani, billi dawn jgħixu ħajja itwal. Filwaqt li l-perjodi ta' kura huma rikonoxxuti f'ċerti sistemi PAYG, dan huwa inqas ċar fi skemi ta' pensjoni ffinanzjati, bil-kwistjoni ta' kif għandha tiġi ffinanzjata solidarjetà bħal din.

Ir-riformi servew ta' pedamenti għaż-żidiet riċenti fl-etajiet ta' rtirar effettiv u fetħu toroq ġodda għat-tfassil ta' pensjonijiet adegwati b'mod sostenibbli. Fl-istess waqt, ir-riformi wasslu

8 "Quality and viability of pensions – Joint report on objectives and working methods in the area of pensions" [10672/01 ECOFIN 198 SOC 272].

9 Ir-Rapport Konġunt Interim dwar il-pensjonijiet tal-Kumitat għall-Politika Ekonomika u l-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali jinkludi valutazzjoni iktar dettaljata, ara n-nota f'qiegħ il-paġna 2.

u se jkomplu jwasslu għal responsabbiltà individwali ikbar għar-riżultati. Filwaqt li n-nies għandhom għażla ikbar, huma esposti wkoll għal iktar riskju. Biex ir-riformi jkunu ta' suċċess, l-iskemi kollha tal-pensjoni għandhom jaqdu r-rwol tagħhom u r-riskji għandhom ikunu mifhuma u mmaniġġjati sew. L-adegwatezza addizzjonali fil-pensjonijiet se tkun imsejsa fuq kumbinazzjoni ta' qligħ fis-swieq finanzjarji u preżentazzjoni ta' opportunitajiet mis-swieq tax-xogħol għal karrieri kontributorji itwal u b'inqas waqfiet. Biex isaħħu l-koeżjoni soċjali, għadd ta' Stati Membri jistgħu jippruvaw jindirizzaw kwistjonijiet pendenti bħall-pensjonijiet minimi, kopertura ta' ħaddiema atipiċi u rikonoxximent ta' xi waqfiet fl-impjieg, pereżempju minħabba kura ta' dipendenti debboli.

Is-sistemi ta' pensjonijiet riformati jżidu r-riskji ta' adegwatezza għal numru konsiderevoli ta' ħaddiema. Ir-rati ta' tibdil netti se jonqsu f'ħafna mill-Istati Membri, għalkemm il-pożizzjoni ta' bidu u l-livell ta' tnaqqis ivarjaw b'mod sinifikattiv, u ċerti pajjiżi, speċjalment dawk b'livelli inizjali baxxi ħafna, żiduhom (il-Figura 5). Dewmien fil-ħruġ mis-suq tax-xogħol jista' jnaqqas in-nuqqas.

F'ħafna Stati Membri jista' jkun hemm bżonn ta' riformi addizzjonali minħabba l-iskala ta' tibdiliet demografiċi u biex jiġi żgurat suċċess li jdum tar-riformi implimentati. Għall-Istati Membri fejn il-proċess ta' riforma mhux avvanzat biżżejjed, hemm bżonn urġenti ta' reviżjoni tal-wegħda tal-pensjonijiet fid-dawl ta' dak li wieħed jista' jistenna li l-bqija tal-ekonomija – u l-baġits pubbliċi – kapaċi joffru.

## 2.3. L-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika aggravat serjament l-isfida impliċita tat-tixjiħ. Billi wriet l-interdipendenza tad-diversi skemi u enfasizzat in-nuqqasijiet fil-mod kif inhuma mfasslin ċerti skemi, serviet ta' twissija biex tittieħed azzjoni fir-rigward tal-pensjonijiet kollha, sew jekk PAYG u sew jekk iffinanzjati: iktar qgħad, inqas tkabbir, livelli ogħla ta' dejn nazzjonali u l-volatilità tas-suq finanzjarju għamluha iktar diffiċli għas-sistemi kollha biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom tal-pensjonijiet. L-iskemi privati jistgħu jtaffu xi ftit mill-pressjoni fuq il-provvediment ta' pensjonijiet pubbliċi. Madankollu, dipendenza miżjuda fuq skemi privati ġġib magħha spejjeż fiskali, meta titqies il-prattika mifruxa tal-għoti ta' inċentivi tat-taxxa waqt il-fażi ta' akkumulazzjoni. L-ispiża tal-eżenzjoni mit-taxxa tista' tkun konsiderevoli u l-effettività tagħha u l-impatti ta' ridistribuzzjoni jistgħu jkunu dubjużi[10]. Billi l-baġits pubbliċi qegħdin taħt pressjoni kbira, ċerti Stati Membri issa qed jerġgħu jikkunsidraw l-effiċjenza ta' din in-nefqa. Skambju aħjar tal-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-effettività tagħha jista' jgħin lil dawk li jfasslu l-politiki madwar l-UE[11]. Barra minn hekk, jekk l-iskemi privati ma jkunux jistgħu jwettqu l-wegħdiet tagħhom, inevitabbilment tinħoloq pressjoni biex il-fondi pubbliċi jagħmlu tajjeb għal parti min-nefqa.

B'introjtu sigur mill-pensjonijiet pubbliċi, li ġeneralment tħallew jaqdu r-rwol tagħhom bħala stabbilizzaturi awtomatiċi, dawk li attwalment huma pensjonanti kienu dawk li sa issa ntlaqtu l-inqas mill-kriżi. Meta jitneħħew ċerti eċċezzjonijiet, il-benefiċċji mill-iskemi ffinanzjati

---

[10] It-Taqsima 4.2 p. 26 tar-Rapport tal-KĦS (il-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali) "Il-provvediment ta' pensjonijiet iffinanzjati amministrati privatament u l-kontribut tagħhom għal pensjonijiet adegwati u sostenibbli" (2008) http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=752&langId=mt.

[11] Dan jista' jinkludi skambju ta' esperjenzi dwar approċċi bħal pereżempju 'reċipjenti għall-komunikazzjoni' li bihom l-ammont ta' eżenzjoni mit-taxxa possibbli għal tfaddil individwali volontarju huwa relatat b'mod invers mal-ammont ta' pensjonijiet statutorji u tax-xogħol li individwu diġà jkollu. Ara "Proposal for a pension model with a compensating layer" ta' G.J.B. Dietvorst, Reviżjoni tat-Taxxa tal-KE tal-2007 nr. 3 p. 142-145.

għadhom jilagħbu rwol marġinali u ftit Stati Membribi problemi baġitarji serji jew b'mekkaniżmi tassew stabbli ta' aġġustament mekkaniku kellhom inaqqsu l-pagamenti tal-pensjonijiet pubbliċi. Iżda l-kriżi u prospetti ta' inqas tkabbir se jaffettwaw it-tipi kollha ta' pensjonijiet.

Il-livell ta' deterjorazzjoni fiskali huwa ekwivalenti għat-treġġigħ lura ta' 20 sena ta' konsolidazzjoni fiskali, bl-implikazzjoni li r-restrizzjonijiet fiskali se jkunu stretti ħafna fid-deċennju li ġej. L-istimi jissuġġerixxu li l-kriżi se tpoġġi iktar pressjoni fuq in-nefqa tal-pensjonijiet pubbliċi fuq perjodu twil ta' żmien billi huwa previst li t-tkabbir ekonomiku se jkun konsiderevolment iktar baxx u hemm inċertezza kbira dwar meta se jkun hemm irkupru totali.[12] F'għadd ta' Stati Membri ċerti kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bdew jitwarrbu għal pensjonijiet iffinanzjati obbligatorji stabbiliti reċentement. Il-kriżi enfasizzat din il-problema ta' pagament doppju u wasslet lil xi gvernijiet biex iwaqqfu jew inaqqsu l-kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet privati biex itejbu l-finanzi għall-pensjonijiet pubbliċi.

Fil-perjodu ta' żmien qasir, ir-rati ta' dħul u s-solvenza tal-iskemi ffinanzjati ġew affettwati minn tnaqqis fir-rati ta' interess u fil-valur tal-assi: il-fondi tal-pensjonijiet privati tilfu 'l fuq minn 20% tal-valur tagħhom tul l-2008[13]. Barra minn hekk, il-ħila ta' diversi sponsors ta' fondi tal-pensjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-qadi tal-obbligi tagħhom ġiet imxekkla. Madankollu, billi xi skemi kellhom jidħlu f'telf biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet attwali tagħhom, is-superviżuri setgħu jillaxkaw ir-regoli ta' valutazzjoni u ta' solvenza biex jagħtu ċans lis-swieq jirkupraw. Il-fondi tal-pensjoni rnexxielhom jirkupraw xi ftit mit-telf tagħhom fl-2009[14] iżda ħafna minnhom għadhom 'il bogħod biex jilħqu l-livelli ta' solvenza meħtieġa.

Il-varjazzjonijiet fil-kapaċità tal-iskemi ffinanzjati biex jegħlbu l-kriżi wrew li d-differenzi fit-tfassil, ir-regolamentazzjoni u l-istrateġiji ta' investiment tassew jagħmlu differenza. It-telf ivarja bejn il-prattiki ta' investiment u l-abbiltà ta' taffija tax-xokk tiddependi wkoll fuq kemm il-piż hu kondiviż tajjeb bejn il-fornituri, il-kontributuri u r-reċipjenti. Sfortunatament, l-iskemi f'pajjiżi fejn ir-rekwiżiti ta' solvenza kienu iktar baxxi u t-telf fil-valur tal-assi kien partikolarment kbir għandhom tendenza wkoll li jkollhom inqas protezzjoni tal-intitolamenti akkumulati u l-inqas mekkaniżmi flessibbli għall-kondiviżjoni tal-piż. Konsegwentement, l-intitolamenti jistgħu jintilfu u l-fornituri jitħajru jwaqqfu l-iskemi, billi ma jkunux jistgħu jreġġgħu lura l-iskema għas-solvenza.

Il-kriżi se jkollha wkoll impatt serju fuq pensjonijiet futuri billi ħafna ħaddiema se jkunu ilhom li tilfu xogħolhom u li sfaw qiegħda għal ċertu perjodu u oħrajn jista' jkun li jkunu aċċettaw qligħ iktar baxx u ħinijiet tax-xogħol iqsar[15]. Waħda mill-isfidi se tkun l-iżgurar li jinżammu livelli adegwati ta' pensjonijiet anki f'dawn is-sitwazzjonijiet (ara l-Figura 9).

Bil-kriżi, żdiedu dawn id-dimensjonijiet li ġejjin mal-aġenda ta' riforma li kienet teżisti qabel:

– urġenza ikbar biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-adegwatezza;

– urġenza ikbar għal riformi li jtejbu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi;

– enfasi miżjuda biex l-etajiet tal-irtirar effettiv jogħlew;

---

12 Ara n-nota 6, f'qiegħ il-paġna.

13 OECD (l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi), "Pensions and the crisis – How should retirement income systems respond to financial and economic pressures" 2009.

14 OECD "Pension Markets in Focus", Ottubru 2009, Ħarġa 6.

15 Il-Kapitoli 3.3 – 3.5 tar-Rapport Konġunt Interim dwar il-pensjonijiet, ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

– bżonn għal reviżjoni tar-regolamentazzjoni ta' skemi tal-pensjoni ffinanzjati biex jiġi żgurat li huma effiċjenti u jibqgħu siguri anki taħt l-impatt ta' kriżijiet finanzjarji kbar filwaqt li jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tkun proporzjonata u ma twassalx lill-pensjonanti għall-insolvenza jew għall-abbandun ta' skemi tal-pensjoni;

– bżonn li jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tas-suq finanzjarju tkun effettiva u intelliġenti fid-dawl tar-rwol imkabbar tal-fondi tal-pensjonijiet. Is-samit tal-G20 ta' Pittsburgh u s-sammits ta' Toronto enfasizzaw li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha għandhom jiġu rregolati u li hemm bżonn ikbar għal regoli komuni.

## 3. PRIJORITAJIET GĦALL-IMMODERNIZZAR TAL-POLITIKA TAL-PENSJONI FL-UE

L-għanijiet globali tar-riformi tal-pensjonijiet huma li jiġi żgurat li s-sistemi tal-pensjoni jkunu adegwati u sostenibbli. Kien hemm it-tendenza li l-istrateġija ta' Stokkolma li għandha tliet pilastri tiġi trattata bħala lista li minnha wieħed ikun jista' jagħżel. Iżda jekk is-sistemi tal-pensjonijiet iridu jkunu effettivi u jekk l-istrateġija Ewropa 2020 trid tikseb suċċess, se jkun neċessarju li dawn it-tliet kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod koordinat.

### 3.1. Għanijiet globali: l-adegwatezza u s-sostenibbiltà

L-adegwatezza u s-sostennibbiltà huma żewġ faċċati tal-istess munita. Jekk il-pensjonijiet ikunu f'riskju ta' inadegwatezza, jista' jkun hemm pressjoni għal żidiet *ad hoc* fil-pensjonijiet jew domanda ogħla għal benefiċċji oħra, li jipperikolaw is-sostenibbiltà. Bl-istess mod jekk sistema tal-pensjoni ma tkunx sostenibbli, fil-futur din tkun inadegwata meta jkun hemm bżonn ta' korrezzjonijiet ta' malajr. Il-kwistjonijiet tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet għandhom bżonn jitqiesu flimkien.

**Indirizzar tal-adegwatezza tal-pensjonijiet**

L-iżgurar ta' dħul adegwat meta wieħed jirtira huwa l-għan tas-sistemi tal-pensjoni u hi kwistjoni ta' solidarjetà fundamentali inter- u intra-ġenerazzjonali. Ħafna riformi tal-pensjoni sa issa kienu mmirati lejn it-titjib tas-sostenibbiltà. Se jkun meħtieġ iktar immodernizzar tas-sistemi tal-pensjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-adegwatezza. Billi r-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet pubbliċi se jonqsu f'ħafna mill-każijiet (ara l-Figura 4), huwa importanti li jiġu provduti opportunitajiet biżżejjed għal intitolamenti kumplimentari: eż. il-possibbiltà ta' ħajja tax-xogħol itwal u aċċess miżjud għal skemi tal-pensjoni supplimentari. In-nuqqas ta' rikonoxximent kumpensatorju għal perjodi ta' qgħad, mard jew obbligi ta' kura jista' wkoll iwassal għal nuqqasijiet, l-istess bħan-nuqqas ta' kopertura ta' gruppi vulnerabbli, bħal ħaddiema b'kuntratt qasir jew mhux tas-soltu, jew il-garanziji ta' pensjonijiet minimi jew il-provvediment ta' dħul għal persuni iktar anzjani, iżda dawn iqajmu dubji dwar il-finanzjament. Fi skemi ffinanzjati, it-tnaqqis tar-riskju fl-investiment, notevolment qrib u waqt il-fażi ta' ħlas, u t-titjib tal-kondiviżjoni tar-riskju bejn dawk li jfaddlu għall-pensjoni u dawk li jipprovdu l-pensjoni, fuq bażi tal-vantaġġi tal-assikurazzjoni kollettiva, jistgħu jagħtu spinta lill-adegwatezza tad-dħul meta wieħed jirtira. Jista' jkun hemm bżonn ukoll li jiġi kkunsidrat it-twessigħ tas-sorsi tad-dħul tal-irtirar lil hinn mill-pensjonijiet .

**Żgurar tas-sostenibbiltà**

Ħafna riformi tal-pensjoni kkontribwixxew għal-limitazzjoni taż-żieda fin-nefqa futura fuq il-pensjonijiet pubbliċi, iżda jeħtieġ li jittieħdu passi addizzjonali biex is-sistemi jilħqu livell iktar sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, notevolment f'pajjiżi fejn huwa proġettat li n-nefqa futura fuq il-pensjonijiet pubbliċi se tkun

għolja wisq. In-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni politika deċiżiva biex tittejjeb l-istabbiltà se jimbotta l-piż tal-aġġustament fuq ħaddiema futuri jew fuq pensjonanti futuri li forsi ma jkunux ġew preparati għal pensjonijiet iktar baxxi milli previst, kif enfasizzat mill-Kunsill Ewropew[16]. Minħabba s-sitwazzjoni gravi li fiha qegħdin il-finanzi pubbliċi u ż-żieda proġettata mhux sostenibbli fil-livelli ta' dejn pubbliku b'politiki li ma jinbidlux, il-konsolidazzjoni fiskali se tkun restrizzjoni vinkolanti fuq il-politiki kollha, inklużi l-pensjonijiet. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP) jipprovdi l-qafas għall-monitoraġġ tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, inklużi s-sistemi tal-pensjoni.[17] Barra minn hekk, jista' jkun hemm iktar pressjoni fir-rigward tan-nefqa fuq kura għall-anzjani jekk il-kura formali tibqa' tieħu post il-kura informali b'mod miżjud fil-futur. Riformi li jtejbu l-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku tal-UE, eż. bl-istimolar tal-provvista tax-xogħol, huma għalhekk partikolarment importanti. Miż-żieda fit-tkabbir fil-produttività tax-xogħol jibbenefikaw iċ-ċittadini kollha, billi din tippermetti livell ta' għajxien ogħla. Fir-rigward tas-sostenibbiltà fiskali, l-ilħiq ta' rati ogħla ta' impjieg partikolarment għal ħaddiema iktar anzjani huwa wkoll iktar importanti.

*(1) Kif tista' l-UE tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex ittejjeb l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjoni? L-UE għandha tfittex li tiddefinixxi aħjar dħul adegwat meta wieħed jirtira xi jfisser?*

*(2) Il-qafas tal-pensjonijiet eżistenti fil-livell tal-UE huwa biżżejjed biex jiżgura finanzi pubbliċi sostenibbli?*

## 3.2. Ilħuq ta' bilanċ sostenibbli bejn iż-żmien li wieħed iqatta' jaħdem u dak tal-pensjoni

Iż-żmien li wieħed iqatta' bħala pensjonant żdied konsiderevolment tul l-aħħar seklu u hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Bħalissa, wieħed ġeneralment iqatta' terz mill-ħajja adulta tiegħu bħala irtirat u dan il-proporzjon se jiżdied sostanzjalment bil-kisbiet futuri fit-tul fl-għomor[18] sakemm ma jiżdiedx it-tul tal-ħajja tax-xogħol u n-nies jibdew jirtiraw iktar tard. Inqas minn 50 % tal-persuni jkun għadhom jaħdmu sal-età ta' 60 sena. Dan hu kontra l-impenji tal-Istati Membri fil-Kunsill Ewropew ta' Barċellona li riedu jtawlu l-età li fiha n-nies jieqfu jaħdmu b'ħames snin[19]. Dan huwa inkonsistenti wkoll mal-għan tal-kisba ta' rata ta' impjiegi tal-Ewropa 2020 ta' 75 % u jħalli impatt negattiv fuq il-potenzjal ta' tkabbir. Iż-żieda drammatika tal-proporzjon tad-dipendenza ekonomika fix-xjuħija tista' tkunkważi evitati jekk in-nies jaħdmu għal żmien itwal (ara l-Figura 2). Mingħajr dan, tkun inevitabbli kumbinazzjoni perikoluża ta' inqas benefiċċji u kontribuzzjonijiet ogħla.

L-iżgurar li ż-zmien li persuna tqatta' irtirata ma jkomplix jiżdied meta mqabbel maż-żmien li matulu l-persuna tkun ħadmet, isostni lill-adegwatezza u lis-sostenibbiltà. Dan ifisser żieda fl-età li fiha wieħed jieqaf jaħdem u jibda jieħu l-pensjoni. Ħafna Stati Membri diġà ddeċidew li jgħollu l-età ta' eleġibbiltà għal pensjoni sħiħa fl-iskemi tal-pensjonijiet pubbliċi tagħhom (ara

16 Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-23 ta' Marzu 2005 IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA 7619/1/05, REV 1, enfasizzaw il-bżonn "li nissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq il-medda twila taż-żmien, li nippromwovu t-tkabbir, u li nevitaw l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi fuq il-ġenerazzjonijiet futuri".

17 Fir-rigward tal-SGP il-Kummissjoni pproponiet li jiġu kkunsidrati wkoll ir-responsabbiltajiet impliċiti partikolarment dawk marbuta mat-tixjiħ, fost fatturi oħra, biex jirriflettu r-riskji fil-futur (COM (2010) 367 / 2).

18 Il-Kapitolu 3.2.1 tar-Rapport Konġunt Interim dwar il-pensjonijiet, ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

19 Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-15-16 ta' Marzu 2002 IL-KUNSILL EWROPEW SN 100/1/02 REV 1.

l-Figura 6). Hemm kuxjenza li qed tikber li dan hu sinjal importanti għall-ħaddiema u għal min iħaddem, għax jimmotivahom biex jimmiraw lejn etajiet ikbar ta' rtirar effettiv. Għadd ta' Stati Membri wrew li għażla ta' politika promettenti għat-tisħiħ tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjoni hija aġġustament awtomatiku li jżid l-età tal-pensjoni f'konformità mal-kisbiet futuri fir-rigward tat-tul tal-ħajja. Filwaqt li dan l-approċċ ta' aġġustamenti kontinġenti jista' jkun kontemplat għal riskji oħra kif ukoll, l-impenn għal reviżjonijiet perjodiċi tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet jista' jkun mod alternattiv jew kumplimentari biex tiġi ffaċilitata reazzjoni f'waqtha u bla xkiel għall-kundizzjonijiet li qed jinbidlu u li ħafna minnhom hu diffiċli li jiġu mbassra.

Il-possibbiltà ta' etajiet tal-pensjoni universali dejjem kienet dibattibbli minħabba differenzi marbuta max-xogħol fl-etajiet ta' meta persuna tidħol fis-suq tax-xogħol u l-istatus tas-saħħa tal-ħaddiema f'xogħlijiet differenti. Ħafna mill-Istati Membri jindirizzaw din l-isfida permezz ta' politiki definittivi biex itejbu s-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol filwaqt li jipprovdu aċċess għal mogħdijiet għal dawk fi bżonn reali qabel jilħqu l-età tal-pensjoni. L-isforzi nazzjonali huma msaħħa mill-Istrateġija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà. Ftit Stati Membri rrikonoxxew id-differenzi fl-etajiet tad-dħul billi kkumbinaw miżuri biex jgħollu l-etajiet tal-pensjoni ma' dawk li jżidu n-numru ta' snin kontributorji meħtieġa għal pensjoni sħiħa. Barra minn hekk, filwaqt li jittieħdu miżuri għall-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, se jkun ukoll importanti li jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal differenzi bejn is-sessi kemm fis-suq tal-ħlas kif ukoll f'dak tax-xogħol.

Billi l-etajiet ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol għadhom baxxi, il-kwistjoni hi jekk ikunux utli prinċipji komuni tal-UE u mogħdijiet għal pensjonijiet adegwati u sostenibbli, applikati b'mod iddivrenzjat, biex jagħmlu tajjeb għad-differenzi fis-sistemi tal-pensjoni. Mogħdijiet bħal dawn għandhom l-għan li jippermettu lin-nies jakkumulaw intitolamenti adegwati filwaqt li jagħmlu l-ekonomiji tal-UE iktar sostenibbli. Dan jirrikjedi li r-riformi tas-sistemi tal-pensjoni jiġu supplimentati bi sforzi sostanzjali biex jippermettu lill-ħaddiema jibqgħu impjegabbli tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, filwaqt li joffru opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid. Teknoloġiji u servizzi ġodda biex jipprovdu arranġamenti flessibbli tax-xogħol permezz tat-telework u l-aġġornament tal-ħiliet jistgħu jgħinu biex jakkomodaw lil ħaddiema iktar anzjani fil-post tax-xogħol għal żmien itwal.

Miżuri prinċipali li jippermettu lil ħaddiema iktar anzjani, kemm nisa u kemm irġiel, jibqgħu għal żmien itwal fis-suq tax-xogħol jinkludu l-aċċess għal kulħadd, irrispettivament mill-età, is-sess u l-etniċità, għas-swieq tax-xogħol, it-taħriġ u l-aġġustamenti tad-diżabbiltà[20]. Il-Fond Soċjali Ewropew jappoġġja miżuri biex itejjeb l-impjegabbiltà u jgħolli r-rati ta' impjieg tan-nisa u tal-irġiel ta' kull età tax-xogħol. Il-Kummissjoni qed tipprepara għas-Sena Ewropea għall-Anzjanità Attiva 2012 li għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u lil partijiet interessati oħra joffru opportunitajiet u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-parteċipazzjoni ta' ħaddiema iktar anzjani fis-suq tax-xogħol.

Dan jista' jinvolvi l-adattament ta' inċentivi soċjali u finanzjarji għax-xogħol, inkluż eżami mill-Istati Membri tar-rwol tar-regoli dwar it-taxxi tagħhom. Miżuri oħra jinkludu l-aġġustament tal-immaniġġjar tal-età, tal-arranġamenti tax-xogħol u tal-attitudnijiet fis-swieq tax-xogħol u fil-postijiet tax-xogħol, u l-kunsiderazzjoni ta' kundizzjonijiet għal ħaddiema

[20] Traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg (2000/78/KE) u r-realizzazzjoni ta' valur miżjud b'persunal iktar anzjan huma meħtieġa. L-età hija l-iktar fattur komuni li jitqies bħala żvantaġġ waqt it-tfittxija għal xogħol, ara http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_317_en.pdf.

indipendenti iktar avvanzati fl-età. Jekk tittawwal il-ħajja tax-xogħol biex din tkun tirrifletti l-kisbiet kontinwi fit-tul tal-ħajja tul iż-żmien, jinkiseb dividend doppju: livelli ogħla ta' għajxien u pensjonijiet iktar sostenibbli. Sabiex jinkisbu pensjonijiet aktar sostenibbli u adegwati, huwa importanti li l-ħaddiema, u ħafna drabi dawk żgħar, iqattgħu aktar ħin fl-impjiegi li jkollhom pagi u ħinijiet tax-xogħol li jintitolahom għad-drittijiet tal-pensjoni fil-ġejjieni.

L-Istati Membri diġà qed jieħdu miżuri biex jappoġġjaw ħajjiet ta' xogħol itwal[21]. Politiki tas-saħħa mmirati biex jgħinu liċ-ċittadini ta' ċerta età għal saħħa aħjar jistgħu jikkontribwixxu għall-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol, inaqqsu l-pressjoni fuq is-sistemi tal-pensjoni u jtejbu s-sostenibbiltà[22]. Saħħa dgħajfa hi waħda mill-fatturi li jwasslu għal irtirar bikri.

| | |
|---|---|
| *(3)* | *Kif jistgħu jintlaħqu l-aħjar etajiet ta' rtirar effettivi u kif jistgħu ż-żidiet fl-etajiet tal-pensjoni jikkontribwixxu? Għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi ta' aġġustament awtomatiku relatati mal-bidliet demografiċi fis-sistemi tal-pensjoni biex jiġi bbilanċjat iż-żmien li wieħed iqatta' jaħdem u dak li jagħmel bħala rtirat? Xi rwol jista' jkollu l-livell Ewropew f'dan ir-rigward?* |
| *(4)* | *Kif tista' l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 tintuża biex tippromwovi impjiegi iktar fit-tul, il-benefiċċji tagħha għan-negozji u fl-indirizz tad-diskriminazzjoni fl-età fis-suq tax-xogħol?* |

## 3.3. Tneħħija tal-ostakoli għall-mobbiltà fl-UE

Il-politiki u r-regolamentazzjoni jeħtieġu li jiffaċilitaw il-moviment ħieles tal-fatturi ta' produzzjoni, notevolment ix-xogħol u l-kapital, biex ir-riżorsi jintużaw b'mod effettiv u jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli biex d-dħul jiġi massimizzat. Flessibbiltà ikbar fil-mobbiltà fix-xogħol issostni l-kapaċità ta' aġġustament tal-ekonomija u ssaħħaħ il-mudell soċjali Ewropew. Ir-rilaxx tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku jwassal għall-gwadann ta' benefiċċji sinifikanti għaċ-ċittadini kollha[23].

### *3.3.1. Tisħiħ tas-suq intern għall-pensjonijiet*

L-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Istituzzjonijiet għad-Dispożizzjoni ta' Rtirar Mix-Xogħol (IORP) fl-2003 kienet ta' suċċess kbir. Iżda din id-Direttiva tkopri biss dawk il-pensjonijiet iffinanzjati li huma ta' natura marbuta max-xogħol u mhux l-iskemi kollha tax-xogħol jaqgħu taħt il-qasam tal-applikazzjoni tagħha (eż. l-iskemi ta' riserva tal-kotba huma esklużi). Din mhijiex direttiva ta' qafas u għalhekk huwa diffiċli li tiġi adattata r-regolamentazzjoni għat-tibdil fis-suq. L-ewwel esperjenza wriet li għad hemm ostakoli konsiderevoli għall-attività transkonfinali. Huma jipprevjenu r-realizzazzjoni sħiħa tal-kisbiet fl-effiċjenza li joħorġu mill-ekonomiji ta' skala u mill-kompetizzjoni, u b'hekk tiżdied l-ispiża tal-pensjonijiet u ssir limitata l-għażla tal-konsumatur. L-ostakoli f'ħafna każijiet ikunu r-riżultat ta' differenzi regolatorji u inċertezzi legali, bħal pereżempju definizzjoni mhix ċara ta' attività transkonfinali, nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-regolamenti prudenzjali u interazzjoni kumplessa bejn ir-regolamenti tal-UE u l-liġijiet nazzjoanli. It-tneħħija ta' dawn l-ostakoli tista' tirrikjedi reviżjoni tad-Direttiva IORP, iktar konverġenzi superviżorji u iktar trasparenza fir-rigward tad-differenzi nazzjonali. Barra minn hekk, iridu jiġu indirizzati l-aspetti li

---

21 Il-Kapitolu 2.1 tar-Rapport Konġunt Interim dwar il-pensjonijiet, ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

22 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2010) 830.

23 Ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna għal iktar informazzjoni dwar il-qafas attwali tal-UE tal-pensjonijiet.

jikkonċernaw il-kustodja[24] u l-governanza tal-fond ta' pensjoni, inklużi l-fehma adegwata u s-superviżjoni ta' deċiżjonijiet ta' investiment, rimunerazzjoni, strutturi ta' inċentivi għall-fornituri tas-servizz u investiment soċjalment responsabbli (SRI).

Standards tal-kontabbiltà xierqa u kumparabbli huma importanti għat-titjib tat-trasparenza fir-rigward tar-reponsabbiltajiet tal-pensjoni. Il-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASB) wettaq proġett biex jirrevedi l-istandard tal-kontabbiltà tal-pensjoni IAS 19[25]. Il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-konsulent tekniku tagħha, il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), timmonitorja mill-qrib il-proġett tal-IASB biex ittejjeb il-kontabbiltà tal-pensjonijiet possibbilment anki għall-fondi tal-pensjoni stess, skont il-proċess ta' approvazzjoni stabbilit skont ir-Regolament tal-IAS[26].

Il-moviment ħieles tal-kapital jiġi ffaċilitat mill-Istati Membri li jagħtu l-istess trattament fir-rigward ta' taxxa lill-imgħaxijiet u lill-interess li jasal għand l-IORPs li jinvestu fit-territorju tagħhom iżda li huma stabbiliti x'imkien ieħor fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tniedi azzjoni ta' ksur kontra diversi Stati Membri minħabba n-natura diskriminatorja tar-regoli tat-taxxa tagħhom f'dan il-qsam, xi Stati Membri diġà allinjaw il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq il-pensjoni mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE.

Għalkemm is-Suq Intern għall-prodotti ta' assikurazzjoni ilu stabbilit għal żmien itwal, l-attività transkonfinali għall-prodotti ta' assigurazzjoni baqgħet limitata, u tirrappreżenta ħafna inqas minn 10 % tal-*primia* kollha tal-assikurazzjoni tal-ħajja f'ħafna mill-Istati Membri. Is-Suq Intern jista' jkun utli wkoll fl-estensjoni tal-aċċess għal sorsi addizzjonali ta' dħul meta wieħed jirtira lil hinn mill-pensjoni, bħal pereżempju ipoteki inversi. Kien hemm ukoll sejħiet għall-ħolqien ta' qafas regolatorju għal reġim tal-pensjoni privata mifrux mal-UE li jopera flimkien ma' reġimi eżistenti tal-pensjoni fl-Ewropa[27].

| |
|---|
| *(5) B'liema mod għandha d-Direttiva IORP tiġi emendata biex ittejjeb il-kundizzjonijiet għall-attività transkonfinali?* |

*3.3.2. Mobbiltà tal-pensjonijiet*

Ir-Regolamenti tal-UE dwar il-koordinament tas-sistemi ta' sigurtà soċjali ilhom jipproteġu d-drittijiet tal-pensjoni ta' ċittadini mobbli tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom għal dawn l-aħħar ħames deċennji. Ir-Regolamenti l-ġodda 883/2004 u 987/2009 iwessgħu din il-protezzjoni u jiżguraw li għall-akkumulazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni, jiġu kkunsidrati l-perjodi ta' assikurazzjoni magħmula fi Stat Membru ieħor. Dawn ir-Regolamenti huma limitati għal skemi tal-pensjoni statutorji u tax-xogħol fejn id-drittijiet huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni: għalhekk riformi nazzjonali reċenti kif deskritti fuq jistgħu jirrikjedu estensjoni tar-regolamenti ta' koordinazzjoni u standards minimi biex jitjieb l-aċċess tal-ħaddiema mobbli għad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari fl-Istati Membri u bejniethom.

---

24 Ara r-rapport tal-Kummissjoni dwar xi aspetti ewlenin rigward id-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (Direttiva IORP) tat-30/4/2009, COM(2009)203 finali, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/pensions/docs/legislation/iorp_report_en.pdf.

25 L-IAS 19 Benefiċċji tal-Impjegati japplika għall-impriżi li jaġixxu ta' sponsors.

26 Ir-Regolament tal-IAS 1606/2002.

27 Ir-Rapport ta' Monti jissuġġerixxi wkoll l-għażla li jiġi esplorat it-28 reġim għad-drittijiet supplimentari tal-pensjoni, Ara STRATEĠIJA ĠDIDA GĦAS-SUQ UNIKU LI TAQDI LILL-EKONOMIJA U S-SOĊJETÀ EWROPEJ, Rapport lill-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso minn Mario Monti, id-9 ta' Mejju 2010, p. 58.

Il-Kummissjoni pproponiet Direttiva fl-2005 biex tistabbilixxi standards minimi għall-akkwist, il-preservazzjoni u t-trasferibbiltà tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari. Ġiet inkluża l-mobbiltà interna billi s-separazzjoni tal-mobbiltà interna u esterna ma kinitx waħda prattika.

Il-proposta ġiet riveduta mill-Kummissjoni fl-2007 biex jitneħħa l-element ta' trasferibbiltà li kien ġie oppost minn xi wħud abbażi li kien teknikament diffiċli u potenzjalment ta' piż jew miftuħ għall-abbużi. Dan għamel enfasi fuq l-akkwist fil-ħin tad-drittijiet tal-pensjoni u l-preservazzjoni sussegwenti tagħhom. Madankollu, għadu mhux possibbli li tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill biex tgħaddi d-Direttiva.

Hi meħtieġa imbuttatura ġdida biex tinkiseb soluzzjoni għall-ħaddiema mobbli kollha[28]. Fis-suq tax-xogħol tal-lum, bl-isfidi miżjuda mill-kriżi finanzjarja u ekonomika, in-nies jeħtieġ li jkunu kapaċi jbiddlu xogħolhom b'mod faċli matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u min iħaddem għandu jkun jista' jingaġġa l-persuna t-tajba bil-ħiliet meħtieġa. Il-bżonn addizzjonali għal azzjoni jiġi minn żieda fl-importanza ta' pensjonijiet iffinanzjati f'forom diversi. Dan iqajjem il-kwistjoni tal-iskop: eż. għandhom jiġu inklużi fil-miżuri tal-UE skemi statutorji ffinanzjati obbligatorji?

Xi Stati Membri joperaw servizzi ta' rintraċċar tal-pensjoni li jgħinu lin-nies iżommu rekord tad-drittijiet tal-pensjoni tagħhom minn sorsi differenti f'dak l-Istat Membru. Minħabba l-livell dejjem jikber ta' mobbiltà tax-xogħol u d-dipendenza fuq sett usa' ta' sorsi pubbliċi u privati ta' dħul tal-irtirar, sistema ta' ritraċċar fuq livell ta' UE tista' tgħin l-individwi mobbli jżommu rekord ta' drittijiet għall-pensjoni tagħhom.

Regoli tat-taxxa diskriminatorja jistgħu jkunu ta' ostaklu għall-mobbiltà tal-pensjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa kuntrarju għal-liġi tal-UE t-trasferimenti tat-taxxa tal-kapital tal-pensjoni minn fondi ta' pensjoni nazzjonali għall-fondi stabbiliti x'imkien ieħor fiż-ŻEE jekk it-trasferimenti tal-kapital ta' pensjoni bejn il-fondi tal-pensjoni nazzjonali jkunu ħielsa mit-taxxa[29]. Il-Kummissjoni beħsiebha teżamina jekk hemmx xi Stati Membri oħra li għandhom regoli simili.

*(6) X'għandu jkun l-iskop ta' skemi koperti mill-azzjoni fuq livell tal-UE dwarit-tneħħija ta' ostakoli għall-mobbiltà?*

*(7) Għandha l-UE terġa' tħares lejn il-kwistjoni tat-trasferimenti jew l-standards minimi fuq l-akkwist u l-preservazzjoni flimkien ma' servizz ta' intraċċar għal kull tip ta' drittijiet għall-pensjoni jistgħu jkunu soluzzjoni aħjar?*

### 3.4. Pensjonijiet iktar siguri u trasparenti b'għarfien u informazzjoni aħjar

*Is-sigurtà fil-pensjonijiet hija importanti għall-appoġġ tal-adegwatezza. Barra minn hekk, il-benefiċċji makroekonomiċi jistgħu jinħassu malajr billi l- pensjonanti huma sors ta' konsum stabbli u regolari li qiegħed dejjem jikber. L-iżviluppi differenti fis-sistemi tal-pensjoni tal-*

---

28 Pereżempju, it-twaqqif ta' fond tal-pensjoni transkonfinali tal-UE għal ħaddiema li jiċċaqilqu ħafna minn post għal ieħor (eż. ir-riċerkaturi) jista' jkun għażla. Ara "Feasibility Study of a Pan-European pension fund for EU researchers", Hewitt Associates f'isem il-Kummissjoni Ewropea (DĠ RTD), Mejju 2010.

29 Il-Kummissjoni vs. Spanja, Każ C-522/04.

*Istati Membri u t-tendenza lejn skemi ta' kontribuzzjoni definita (KD), madankollu, jqajjmu mistoqsijiet ta' politika ġodda.*

### *3.4.1. Għeluq tal-lakuni fir-regolament tal-UE*

Hekk kif id-dispożizzjoni tal-pensjoni tiċċaqlaq minn sistema singola għal waħda f'saffi diversi, u minn pakketti ta' pensjoni sempliċi għal oħrajn kumplessi, il-karattru frammentat u mhux komplut tal-qafas Ewropew preżenti ma jistax ikun wieħed suffiċjenti.

